



Il-Kummissjoni  
Ewropea

# IL-ĠINGĦA EWROPEA GĦALL-ĦILJET VOKAZZJONALI



**2018** | Sett ta' għodod dwar ir-  
relazzjonijiet mal-midja

#DiscoverYourTalent

Impjegi, affarijiet  
soċjali u inklużjoni

## Dwar is-sett ta' għodod tar-relazzjonijiet mal-midja

Jekk int parti kkonċernata u sieħeb tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali u tixtieq tippromwovi l-avvenimenti tiegħek, dan is-sett ta' għodod huwa għalik. Dan is-sett ta' għodod sejjer jiggwidak tul id-diversi stazzjonijiet tal-midja li int tista' tuża għas-sensibilizzazzjoni tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali u l-benefiċċji tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV) madwar l-Ewropa.

Dan is-sett ta' għodod jipprovdi:

- Pariri u konsulenza dwar kif tavviċina lill-midja u kif tagħmel l-istorja tiegħek tispikka.
- Mudell għal stqarrija għall-istampa biex tadatta u tibgħat
- Sorsi ta' fatti u ċifri
- Informazzjoni dwar it-tweġġ ta' intervisti mal-midja

## Għaliex tgħid lill-midja dwar l-involviment tiegħek fil-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali?

L-ewwel żewġ Ġimgħat Ewropej għall-Ħiliet Vokazzjonali kienu ta' suċċess, u l-Kummissjoni Ewropea qed torganizza t-tielet Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali għas-sensibilizzazzjoni tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV). Il-Ġimgħa uffiċjali fi Vjenna ser tiġi organizzata bejn il-5 u d-9 ta' Novembru 2018, u minn Settembru sa Diċembru 2018, madwar l-Ewropa, sejr in jiġu organizzati mijiet ta' avvenimenti relatati mal-ETV.

Il-Ġimgħa u l-kampanja ta' komunikazzjoni korrispondenti tagħha jlaqqgħu lill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-awtoritajiet pubbliċi, lill-organizzazzjonijiet tan-negozju u lill-pubbliku usa' sabiex l-ETV isir aktar magħruf madwar l-Ewropa. Il-Ġimgħa timmira li turi l-ħafna opportunitajiet li l-ETV jista' jipprovdi liż-żgħażaġh u lill-adulti, u l-valur li l-ETV jipprovdi għall-ekonomija u l-futur tax-xogħol u l-ħiliet.

Int tista' tuża l-kopertura tal-midja biex tippromwovi l-avveniment tiegħek u turi kif dan jaqbel mal-Ġimgħa Ewropea dwar il-Ħiliet Vokazzjonali. Dan jgħin biex aktar nies isiru konxji li l-avveniment tiegħek se jseħħ u jimmotivahom biex jattendu. Il-kopertura tal-midja tista' tgħinek ukoll tattira aktar attenzjoni lejn l-organizzazzjoni tiegħek lil hinn min-netwerks eżistenti tiegħek u xxerred ħafna l-messaġġ tal-avveniment u tal-Ġimgħa. Dan jgħin fis-sensibilizzazzjoni u biex tinbidel il-perċezzjoni tal-Edukazzjoni u tat-Taħriġ Vokazzjonali fil-pajjiż tiegħek.

It-tipi ta' midja li jistgħu jkunu interessati fil-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali:

- **Gazzetti lokali, siti web u bloggs** jistgħu jiġu avviciinati qabel l-avveniment jew l-attività tiegħek sabiex iħeġġu lin-nies jattendu. Stqarrija għall-istampa ġimagħtejn qabel l-avveniment, flimkien ma' tfakkira qabel huwa approċċ tajjeb hawnhekk. Barra minn hekk, int tista' ċċempel lill kwalunkwe ċentru tal-midja li tkun tixtieq li jkopri l-avveniment tiegħek, sabiex tgħin biex tattira l-attenzjoni lejn l-avveniment/l-attività tiegħek. Il-pubblikazzjoni jew l-istazzjon tiegħek jistgħu jiddeċiedu li jattendu dakinhar u jiktbu storja bbażata fuq dan.
- **Elenki ta' avvenimenti** huma mod tajjeb ħafna kif tħeġġeġ lin-nies jiġu l-avveniment tiegħek. In-nies spiss ikunu ħerqana li jisimgħu dwar avvenimenti lokali li jkunu se jsiru. Kull elenku għandu r-rekwiżiti proprji tiegħu, b'hekk jeħtieġ li tagħmel ftit tar-riċerka dwar kif l-aħjar tissottometti l-avveniment tiegħek.
- **Gazzetti nazzjonali** jaf ikunu interessati li jisimgħu dwar il-Ġimgħa u l-avvenimenti kollha li jkunu qegħdin iseħħu. Li tipprovdi fatti u ċifri li jkunu rilevanti għal udjenza

ġenerali, kwotazzjonijiet u opportunitajiet għal intervisti interessanti tista' tgħin biex tattira l-interess ta' dawn il-pubblikazzjonijiet.

- **Pubblikazzjonijiet speċjalizzati** ukoll jaf ikunu interessati li jsimgħu dwar il-Ġimgħa. Jenntieg li tavviċina lil dawn malajr kemm jista' jkun minħabba li l-kalendarji editorjali tagħhom jistgħu jimtlew qabel. L-informazzjoni li tipprovi lil dawn il-pubblikazzjonijiet tista' tkun aktar teknika. L-għoti ta' aċċess lil espert jew xhud interessanti se jgħin biex iħeġġeġ il-kopertura.
- **Ir-radju u t-TV** jaf ikunu interessati, partikolarment rigward l-avvenimenti aktar fuq tagħhom u mhux tas-soltu li jkunu se jittellgħu u li jipprovdu sfond tajjeb għall-iffilmjar u r-rekording.

## Relazzjonijiet mal-midja

Din hija lista sempliċi ta' kontroll li tista' ssegwi sabiex tikseb kopertura għall-avveniment tiegħek u l-Ġimgħa Ewropea għall-Filiet Vokazzjonali. Din hija segwita minn informazzjoni u pariri aktar dettalji:

### Relazzjonijiet mal-midja – lista ta' kontroll

- ✓ Iddeċiedi liema midja tixtieq tavviċina
- ✓ Adatta l-mudell tal-isqarrija għall-istampa b'informazzjoni dwar l-avveniment tiegħek
- ✓ Żid informazzjoni speċifika għar-reġjun jew dwar kwalunkwe pajjiż Ewropew li taħseb li tkun rilevanti
- ✓ Iġbor ritratti, kwotazzjonijiet, infografika li jistgħu jiġu ppubblikati
- ✓ Aħseb dwar min jista' jiġi offrut għall-intervisti
- ✓ Ibgħat l-istqarrija għall-istampa u ritratti lil kuntatti tal-midja permezz ta' email
- ✓ Segwi dan b'telefonata lill-mezzi tal-midja ewlenin
- ✓ Inkludi ismek u d-dettalji ta' kuntatt sabiex tkun tista' twieġeb il-mistoqsijiet
- ✓ Dakinhar kun preżenti biex tilqa' lill-ġurnalisti u biex tintroduċilhom nies interessanti

## LIEMA MIDJA TAVVIĊINA?

L-ewwel pass huwa li tidentifika liema midja tkopri ż-żona lokali jew reġjonali tiegħek. Tista' ssib id-dettalji ta' kuntatt tal-ġurnalisti li jkopru l-avvenimenti lokali, kwistjonijiet ta' impjegi u edukazzjoni, il-politika soċjali jew kwistjonijiet Ewropej billi żżur is-sit web tagħhom jew iċċempel l-uffiċċji tal-midja. Tista' tara wkoll kif tissottometti l-avveniment tiegħek fl-elenki tal-avvenimenti tagħhom.

Lista ta' kuntatti tajba hija l-ewwel pass għal kopertura tal-midja ta' suċċess. Li l-avveniment tiegħek jiġi linkat f'idejha ta' avvenimenti jagħtuk ukoll aktar vijibiltà.

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA U SENJETTA SEGWITU

### Ħejji stqarrija għall-istampa

L-aħjar mod kif tipprovi informazzjoni lill-midja huwa billi tibgħat stqarrija għall-istampa. Aħna nissuġġerulek tuża l-mudell tal-istqarrija għall-istampa tal-Ġimgħa Ewropea għall-Filiet Vokazzjonali disponibbli fuq [is-sit web](#). Agħżel il-mudell tal-pajjiż tiegħek u mbagħad sempliċiment imla l-informazzjoni dwar l-avveniment tiegħek u kwalunkwe informazzjoni speċifika għar-reġjun li taħseb li tkun rilevanti.

## Meta tibgħat l-istqarrija għall-istampa

Kif diġà ġie indikat qabel, għall-midja lokali u l-gazzetti ta' kuljum tista' tibgħat l-istqarrija għall-istampa lill-ġurnalisti rilevanti madwar ġimagħtejn qabel l-avveniment. Hija idea tajba wkoll li tibgħat tfakkira jum jew tnejn qabel l-avveniment. Għal pubblikazzjonijiet jew rivisti speċjalizzati tista' tibgħat l-istqarrija għall-istampa aktar kmieni minħabba li l-kalendarju editorjali tagħhom jista' jimtela minn qabel. Tista' tissottometti wkoll l-avveniment tiegħek lil elenki tal-avvenimenti sa xahar minn qabel, skont kif ikun imfassal kull elenku.

### Informazzjoni dwar it-tlestija tal-istqarrija għall-istampa

- ✓ Qiegħed l-informazzjoni importanti ħafna l-ewwel. Dejjem ipprova wieġeb xiex, min, meta, fejn u għaliex
- ✓ Uża sentenzi qosra u lingwa dinamika
- ✓ Evita lingwa speċjalizzata ħafna, u spjega l-abbrevjazzjonijiet
- ✓ Tinsiex tinkludi kwotazzjonijiet u ċifri
- ✓ Ibgħat ritratt li l-ġurnalisti jistgħu jużaw (tinsiex li għandu jkollok il-permessi neċessarji)
- ✓ Inkludi d-dettalji ta' kuntatt tiegħek għall-mistoqsijiet

## Telefonati ta' segwitu

Il-ġurnalisti jirċievu ħafna stqarrijiet għall-istampa kuljum. Għalhekk billi oċempel tista' tiġbdilhom l-attenzjoni rigward l-istqarrija għall-istampa tiegħek u tingħata l-opportunità tbigħ l-istorja tiegħek. Int tista' wkoll issir taf mingħandhom jekk għandhom xi rekwiżiti speċjali.

## AGĦTI L-ĦAJJA LILL-ISTQARRIJA GĦALL-ISTAMPA TIEGĦEK

L-għan tal-istqarrija għall-istampa tiegħek huwa li tipprovdi lill-ġurnalisti b'informazzjoni rilevanti u importanti barra minn materjal addizzjonali li huma jistgħu jipubblikaw bħal ritratti, kwotazzjonijiet, infografika, fatti u ċifri.

- **Ritratti:** Dawn jistgħu jkunu ritratti meħuda fl-avveniment tiegħek jew li int tista' tuża u li għandek fl-arkivju, jekk se tibgħat l-istqarrija għall-istampa tiegħek qabel l-avveniment tiegħek. Kun żgur li tikseb il-permessi kollha neċessarji għar-ritratti qabel ma tibgħathom lill-ġurnalisti.
- **Kwotazzjonijiet:** Hija idea tajba li fl-istqarrija għall-istampa tiegħek tinkludi kwotazzjoni. Din tista' tkun minn kelliema fl-avveniment tiegħek, esperti mill-organizzazzjoni tiegħek jew xhieda minn studenti.
- **Fatti u ċifri dwar l-ETV:** Dawn jistgħu jkunu reġjonali jew speċifiċi għall-pajjiż jew l-UE kollha.

## PARIRI DWAR IL-KSIB TA' FATTI U ĊIFRI

L-organizzazzjoni tiegħek jista' jkollha aċċess għal fatti u ċifri interessanti u rilevanti. Inkella, dawn huma xi sorsi Ewropej ta' fatti u ċifri speċifiċi għall-pajjiż li int tista' ssib ta' għajnuna. Tinsiex dejjem tikkwota s-sors:

- [Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2017 - rapporti ta' 28 pajjiż \(DĠ EAC\)](#)
- [Rapporti tal-pajjiżi dwar l-ETV fl-Ewropa \(Cedefop\)](#)

- Bażi tad-Data ETTV (edukazzjoni u taħriġ tekniku u vokazzjonali) – profili tal-pajjiżi (I-UNEVOC, iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, il-UNESCO)
- Bażi ta' Data dwar l-Edukazzjoni (UOE) (UNESCO/OECD/EUROSTAT)
- Statistika dwar it-Taħriġ u l-Edukazzjoni Vokazzjonali (EUROSTAT)

Tista; tiċċekkja wkoll l-aġenziji nazzjonali tal-ETV, il-ministeru/id-dipartiment għall-edukazzjoni jew ix-xogħol fil-pajjiż tiegħek, minħabba li dawn aktarx ikollhom rapporti nazzjonali dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

Il-EUROSTAT huwa sors tajjeb ta' statistika, fil-livell Ewropew u nazzjonali pereżempju:

- 49 % tal-istudenti tas-sekondarja għolja fl-Ewropa jipparteċipaw fl-ETV tas-sekondarja għolja (2016)
- Ir-rata ta' impjeg tal-gradwati riċenti tal-ETV<sup>1</sup> fl-Ewropa hija 74.8 % (2017)
- Il-perċentwal ta' adulti bi kwalifiki baxxi<sup>2</sup> fl-Ewropa huwa ta' 22.5 % (2017)
- 72.2 % tal-kumpaniji fl-UE ipprovdew taħriġ vokazzjonali kontinwu lill-impjegati tagħhom (2015)
- 10.9 % tal-popolazzjoni tal-Ewropa tipparteċipa fit-tagħlim għall-adulti (2017)

## RELAZZJONIJIET MAL-ĠURNALISTI

Li tibni relazzjoni tajba mal-ġurnalisti tgħinek tikseb kopertura. Tista' ċċemplihom u tistedinhom biex ikopru l-avveniment tiegħek barra milli tibgħat l-istqarrija għall-istampa. Ara li tistaqsi dwar kwalunkwe rekwiżit speċifiku li għandhom u li xi jiem qabel l-avveniment tibgħat ilhom tfakkira. Ladarba l-jum jasal, qabbad persuna maħtura apposta biex tilqagħhom u ara li jkollhom l-informazzjoni kollha li jeħtieġu. Jaf tkun idea tajba li tiprintja xi kopji tal-fuljett dwar il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali biex jitqassmu. Il-fuljett jista' jinstab fuq is-sit web.

## INFORMAZZJONI GĦAL INTERVISTI TA' SUĊĊESS

L-intervisti jistgħu isiru wiċċ imb'wiċċ waqt l-avveniment, bit-telefon jew bl-email. F'każ ta' talba għal intervista, hemm xi informazzjoni bażika li għandek iżżomm f'moħħok:

- Ipprovi lill-ġurnalist/a b'xi informazzjoni ta' sfond dwar l-organizzazzjoni tiegħek u dwar il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali. Informazzjoni dwar il-Ġimgħa, l-isfond tagħha u temi għall-2018 jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali.
- Iddeċiedi minn qabel dwar dak li trid tgħid. Tista' tagħmel ftit noti li jgħinuk waqt l-intervista
- Iffoka fuq il-messaġġi importanti li trid tipprovi u l-ewwel ippreżenta l-punti ewlenin tiegħek
- Kun konċiż u uża eżempji u stejjer personali biex l-istorja tiegħek tispikka
- Ħalli barra d-dettalji ta' kuntatt tiegħek f'każ li r-reporter ikollu bżonn jivverifika xi informazzjoni darbtejn.
- Jaf tkun trid torganizza l-intervista ma' xi ħadd ieħor b'hal kelliem fl-avveniment tiegħek jew xi ħadd li jista' jagħti xhieda. F'dak il-każ, iddeċiedi min tkun l-aħjar

<sup>1</sup> Età bejn il-15 u l-34 sena, [Eurostat](#)

<sup>2</sup> Edukazzjoni aktar baxxa minn primarja, primarja u sekondarja baxxa, [Eurostat](#)

persuna li tiġi intervistata. Ivvverifika magħhom jekk għandhomx pjaċir li jiġu kkuntattjati mill-istampa, informahom dwar dak li għandhom jikkellmu dwaru u dwar il-messaġġi importanti tal-Ġimgħa. Iffissa ħin li fih il-ġurnalista iċempel jew jiltaqa' mal-persuna.

## Għodod għall-użu tiegħek

Sabiex tippromwovi l-avveniment tiegħek tista' tuża l-mudell tal-istqarrija għall-istampa tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali li huwa disponibbli fuq [is-sit web](#). Tista' ssib mudell ġenerali bil-Ingliż u bil-lingwa nazzjonali tiegħek. Sabiex tuża l-mudell sempliċiment trid timla l-informazzjoni speċifikata relatata mal-attività tiegħek u żżid kwalunkwe informazzjoni lokali li taħseb li tkun rilevanti. Il-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet tal-midja jippreferu jirċievu stqarrijiet għall-istampa fit-test ewlieni ta' email, minflok bħala attachment, b'hekk ikkopja u ppejstja l-istqarrija għall-istampa f'email qabel ma tibgħatha.

## Mistoqsijiet frekwenti

### Kif nista' nagħmel l-istorja tiegħi aktar attraenti għall-midja?

Żomm f'moħħok li l-ġurnalista jħobbu stejjer mill-ħajja reali. Meta tinkludi stejjer personali, kwotazzjonijiet u ċifri l-istqarrija għall-istampa tiegħek se tispikka.

### Il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi dettalji ta' kuntatt tal-midja?

Le - minħabba li l-Ġimgħa u l-kampanja korrispondenti tagħha qed iseħħu f'madwar 28 Stat Membru, fiż-ŻEE u fil-pajjiżi kandidati, dan mhux possibbli. Madankollu, dan is-sett ta' għodod jipprovdi pariri dwar il-ħolqien ta' database tal-midja tajba u informazzjoni dwar kif tibni relazzjoni b'saħħitha mal-ġurnalista.

### Jien għandi xi mistoqsijiet oħra, lil min nista' nikkuntattja?

Tista' tibagħtilna email hawn fuq [info@vocationalskillsweek.eu](mailto:info@vocationalskillsweek.eu) jew iċċemplilna fuq +44 (0)207 444 4264. Inkella, tista' tikkuntattjana fuq il-midja soċjali, permezz tal-kontijiet ta' hawn taħt.

## Ikkuntattjana

Aħna pjaċir tagħna li ngħinuk rigward kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok dwar l-attivitajiet tar-relazzjonijiet tiegħek mal-midja.

**Email:** [info@vocationalskillsweek.eu](mailto:info@vocationalskillsweek.eu)

**Telefon:** +44 (0)207 444 4264

**Twitter:** @EU\_social @EuropeanYouthEU #EUVocationalSkills #DiscoverYourTalent

**Facebook:** @socialeurope, @EuropeanYouthEU